

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Awwissu 2010 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-69/10)

(2010/C 288/142)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet***Rikorrent:* Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad it-talba tar-rikorrent intiża għal kumpens għad-dannu subit minħabba li l-konvenuta bagħtet ittra lil avukat li kien għadu mhux ir-rappreżentant tiegħu.

Talbiet tar-rikorrent

- l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, indipendentement mill-forma tagħha, li tiċħad it-talba, tat-30 ta' Ottubru 2009, mibgħuta mir-rikorrent lill-Awtorità tal-Ħatra;
- l-annullament tan-nota, tal-11 ta' Novembru 2009, bir-referenza ADMIN.B.2/MB/1sD(09)29814;
- l-annullament, sa fejn huwa neċessarju, tal-att tal-Kummissjoni li jiċħad l-ilment tal-25 ta' Jannar 2010, mibgħut lill-Awtorità tal-Ħatra mir-rikorrent, ippreżentat kontra d-deċiżjoni li tiċħad it-talba, tat-30 ta' Ottubru 2009, għall-annullament ta' din id-deċiżjoni tal-aħħar u bl-għan li tintlaqa' t-talba tat-30 ta' Ottubru 2009;
- l-annullament, sa fejn huwa neċessarju, tan-nota bir-referenza HR.D.2/MB/ls Ares (2010) 251054, tal-10 ta' Mejju 2010, miktuba bil-Franċiż u rċevuta mir-rikorrent wara s-17 ta' Mejju 2010, flimkien ma' traduzzjoni bit-Taljan;
- il-kundanna tal-Kummissjoni sabiex tħallas għad-dannu subit b'mod inġust mir-rikorrent minħabba li ntbagħtet in-nota, tal-10 ta' Awwissu 2009, bir-referenza ADMIN.B.2/MB/ksD(09)20658 lil Giuseppe Cipressa, billi tħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 10 000, jew somma ikbar jew iżgħar li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra ġusta u ekwa;
- il-kundanna tal-Kummissjoni sabiex tħallas lir-rikorrent, mill-jum ta' wara d-data li fiha t-talba, tat-30 ta' Ottubru 2009, waslet għand il-Kummissjoni sa' meta jsir il-ħlas effettiv tas-somma ta' EUR 10 000, l-interessi fuq l-imsem-mija somma b'rata annwali ta' 10 % b'kapitalizzazzjoni annwali;

— tikkundanna l-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Awwissu 2010 — Hidalgo vs Il-Parlament Ewropew

(Kawża F-70/10)

(2010/C 288/143)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* José Manuel Hidalgo (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: A. Coolen, J. N. Louis u E. Marchal, avukati)*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annulament tal-istqarrija ta' regolarizzazzjoni ta' remunerazzjoni tar-rikorrent għall-perijodu minn Lulju sa Diċembru 2009 u tal-istqarrijiet ta' remunerazzjoni stabbiliti wara l-1 ta' Jannar 2010 fil-kuntest tal-adattament annwali tar-remunerazzjonijiet u tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra fuq il-bażi tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1296/2009 tat-23 ta' Diċembru 2009, kif ukoll talba għal kumpens.

Talbiet tar-rikorrent

- tiddikjara li r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1296/2009, tat-23 ta' Diċembru 2009 huwa inapplikabbli;
- tannulla d-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ġunju 2010 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent kontra l-istqarrija tiegħu ta' regolarizzazzjoni ta' remunerazzjoni għall-perijodu minn Lulju sa Diċembru 2009 u l-istqarrijiet ta' remunerazzjoni stabbiliti wara l-1 ta' Jannar 2010 skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1296/2009 tat-23 ta' Diċembru 2009;
- tannulla, sa fejn ikun meħtieġ, id-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew li jistabbilixxu l-istqarrija tiegħu ta' regolarizzazzjoni ta' remunerazzjoni għall-perijodu minn Lulju sa Diċembru 2009 u l-istqarrijiet ta' remunerazzjoni stabbiliti wara l-1 ta' Jannar 2010 skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1296/2009 tat-23 ta' Diċembru 2009;
- tikkundanna lill-Parlament iħallas lir-rikorrent l-arretrati tar-remunerazzjoni li għandu dritt għalihom flimkien mal-interessi moratorji kkalkolati, sa mid-data ta' skadenza tal-arretrati dovuti, bir-rata stabbilita mill-BĊE għat-transazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid biż-żieda ta' żewġ punti;
- tikkundanna lill-Parlament iħallas lir-rikorrent Euro simbolika bħala kumpens għall-iżbalji mwettqa u għall-ispejjeż.